**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 20/13(15_07_13).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-9 ta' Lulju 2013.

1. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
2. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
3. Programm ta' attivitajiet għas-sajf fix-Xlendi.
4. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
5. Rapport tas-Sindku.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
8. Materji oħra.

Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**1.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

1.01 L-Inġinier tal-Enemalta ġiet fuq il-post fejn iltaqgħet mal-Kuntrattur Road Construction Co. Ltd. u s-Sindku. L-Inġinier spjegat dwar ix-xogħol li jrid isir sabiex *cables* tal-*high tension* jgħaddu minn *culvert* minn taħt l-art. Il-Kunsill se jitlob lill-Perit Formosa sabiex joħroġ stima tal-*variation* u lill-Kuntrattur sabiex jagħti l-*quote* tiegħu. Fl-aħħar il-Kunsill jiltaqa' mal-Perit u l-Kuntrattur sabiex isir il-ftehim aħħari tal-varjazzjonijiet li jridu jsiru.

**2.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

2.01 Issa li dawn ix-xogħlijiet ġew approvati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet, l-Avukat Mario Scerri qed jipprepara l-Kuntratt li ser jiġi ffirmat mal-Kuntrattur u wara jinbeda x-xogħol.

## 3.00 Programm ta' attivitajiet għas-sajf fix-Xlendi.

3.01 Dawn huma l-attivitajiet ippjanati li ser jittellgħu fix-Xlendi:

Il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2013 ser jittella' Wind Band Concert minn Loeten and Furnes Wind Band (Norway) fit-8.30 ta' filgħaxija.

Il-Ħamis, 11 ta' Lulju 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* The Wizard of Oz (1939) fid-9.00 ta' filgħaxija.

Bejn id-9.30 ta' filgħaxija tat-Tnejn, 15 ta' Lulju 2013 u n-12.30 ta' filgħodu tat-Tlieta, 16 ta' Lulju 2013 ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.

Is-Sibt, 27 ta' Lulju 2013 ser jiġi organizzat l-ewwel edizzjoni tal-Gozo Ceramic Festival bil-kollaborazzjoni tal-Gozo Culture Office, Ministeru għal Għawdex mis-7.00 ta' filgħaxija 'il quddiem u anke ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.

Il-Ħamis, 1 t' Awwissu 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* The Night of the Shooting Stars (1982) fid-9.00 ta' filgħaxija.

Bejn id-9.30 ta' filgħaxija tas-Sibt, 10 t' Awwissu 2013 u n-12.30 ta' filgħodu tal-Ħadd, 11 t' Awwissu 2013 ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.

Il-Ħamis, 22 t' Awwissu 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* 20,000 Leagues Under the Sea (1954) fid-9.00 ta' filgħaxija.

Bejn id-9.30 ta' filgħaxija tal-Ħadd, 1 ta' Settembru 2013 u n-12.30 ta' filgħodu tat-Tnejn, 2 ta' Settembru 2013 ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.

Il-Ħamis, 5 ta' Settembru 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* 2001: A Space Odyssey (1968) fit-8.30 ta' filgħaxija.

Il-Ħamis, 19 ta' Settembru 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* Annie (1982) fit-8.30 ta' filgħaxija.

Il-Ħadd, 22 ta' Settembru 2013 ser jittella' l-*Water Fun Park*.

## 4.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.

4.01 Fix-Xlendi nbidlu r-*railings* ta' mat-turġien li hemm viċin Il Terrazzo Restaurant. Il-Kunsill ħallas għall-materjal filwaqt li x-xogħol sar mill-Beach Cleaners.

Saru dwal b' LED's u li jaħdmu bil-PV's ma' kull *zebra crossing* li hawn fil-Munxar u Ix-Xlendi. Id-dawl maż-*zebra crossing* tal-Pjazza ser isir fil-ġranet li ġejjin.

Beda jsir it-tisqija ta' Ġnien il-Professur Ġuże` Aquilina u *soft areas* minn membri tal-Munxar Falcons FC.

Fil-*Parking* tax-Xlendi twaħħlu 4 *floodlights* u twaħħlu wkoll il-*fairy lights* mal-passaġġ tax-Xtajta.

It-Taqsima tal-Kultura waħħlu arbli fix-Xlendi u b' hekk il-Kunsill ser idendel bnadar magħhom.

**5.00 Rapport tas-Sindku.**

5.01 Is-Sindku kien iltaqa' ma' Mons. Gauci dwar il-ktieb 'Sette Giugno'. F' din il-laqgħa, il-Mons. talab lill-Kunsill sabiex għalissa ma jagħmilx il-*bust* tal-Profs. Ġuże' Aquilina għaliex hemm il-possibbilta' li l-Mons. jakkwista fondi u minflok *bust* isir monument *life size*.

5.02 Is-Sindku flimkien ma' Uffiċjali ta' Transport Malta għamlu spezzjoni rigward dik il-proposta tal-Kunsill sabiex il-*Parking* tal-*Coaches* jiġi spostjat għall-*area* ta' viċin il-Knisja tax-Xlendi. Din il-proposta ma ġietx milqugħa.

5.03 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Carmen Said. F' din il-laqgħa ġew diskussi t-trasport f' toroq arterjali u s-servizz tal-Arriva. Is-Sindku kiteb lill-Ministru dwar suġġerimenti min-naħa tal-Munxar. Is-Sindku ltaqa' mas-Segretarju Parlamentari Jose` Herrera waqt laqgħa li saret mar-Reġjun t' Għawdex u attenda għal-laqgħa mal-Pulizija li ssir kull xahar.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2013 - Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-laqgħat *online* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali qed iniedi din l-iskema sabiex jgħin lill-Kunsilli jaħdmu b' aktar trasparenza u jkunu aktar viċin in-nies. Permezz ta' din l-iskema l-Kunsill Lokali jista' jibbenefika minn għajnuna finanzjarja sa massimu €2,300 jekk iżomm mal-kriterji elenkati. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

6.02 Il-Kunsill kien ordna diversi *traffic signs* bħala parti mill-proġett li qed ikun iffinanzjat mill-Miżuri 323 u 313. Issa li dawn ser jitwaħħlu l-Kunsill talab lill-Kuntrattur sabiex it-tipi tal-kliem fuq dawn it-tabelli jinżebgħu peress li kif inhuma ma jintgħarfux mill-bogħod peress li t-tipi huma suwed u l-*background* huwa griż. Il-Kuntrattur qed jitlob ħlas *extra* ta' dan ix-xogħol. Il-Kunsill kien ser jitolbu stima.

6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex bankina ġdida li saret mis-CMU xi xhur ilu quddiem *block flats* fi Triq Dun Spir Gauci tinqala' u terġa' ssir mill-ġdid peress li din saret għolja. Peress li din kienet saret mis-CMU, il-Kunsill kien ser jitlob lil din it-Taqsima.

6.04 Il-Kunsill qed jiġbor stimi sabiex jinxtraw 10,000 borża taż-żibel biex dawn jintużaw fil-*litterbins* il-ġodda li twaħħlu Ix-Xlendi u f' Tal-Ponta. Fuq dawn il-boroż ser jiġu pprintjati *logos* tal-Munxar u tax-Xlendi.

6.05 Il-Kumitat tal-Festa tax-Xlendi kellmu liċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi għax qed jitolbu żewġ *stands* b' żewġ *spotlights* u *extension* għall-ikla tal-festa li se jagħmlu fil-*belvedere* il-ġdid li rranġajna. Il-Kunsill jaqbel li jipprovdi dawl għal din l-ikla, iżda ma jaqbilx li jingħata permess sabiex l-ikla ssir fil-*belvedere*.

6.06 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa mal-Avukat Mario Scerri rigward l-Offerta MXR/005/2012 - *Supply and Fix Pedestrian Guardrails and Construction of Pavements at Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Supply and Fix of Street Furniture for Ix-Xlendi Bay*. Skont l-*award* tal-Public Contracts Review Board il-Kunsill kellu jagħżel l-offerta li saret mill-Kumpanija Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. għal *Lot* 2.

Wara li eżamina l-kundizzjonijiet tat-*Tender* u d-deskrizzjoni tax-xogħlijiet maħruġa taħt dan il-*Lot*, *items* bin-numri 1, 4, 5, 6, u 7 ġew espressament indikati li huma *provisional*. Fi kliem ieħor il-Kunsill għandu d-diskrezzjonalita' jekk jipproċedix li jagħti dawn ix-xogħlijiet dipendenti minn fatturi fosthom jekk il-prezz jew valur ta' dawn ix-xogħlijiet ikunx ilaħħaq mal-ispiża kollha jew jaqbiżx il-flus li jkun hemm ivvutati għall-proġett kollu.

Il-flus ivvutati mill-Proġett UIF huma ta' mija u sebgħa u tletin elf Euro (€137,000) u huwa kalkulat li jekk ikollhom jingħataw dawn ix-xogħlijiet imsemmija f' *items* 1, 4, 5, 6 u 7 li dwarhom il-Kunsill kien żamm din ir-riżerva, anke skont l-aktar offerta vantaġġjuża li ġiet mixħuta, il-prezz tal-proġett kollu ser jeċċedi l-ammont ta' flus li hemm ivvutati, u dan ikun ifisser li l-Kunsill imbagħad irid jagħmel tajjeb mill-flus tiegħu għal dan l-eċċess.

L-Avukat huwa tal-parir li l-Kunsill għandu jimxi b'kawtela u jżomm mal-limitu tal-flus ivvutati taħt il-Proġett u jieħu wkoll kontinġenza għal xi xogħlijiet żgħar oħra li għalkemm mhumiex espressament ikkontemplati fit-*Tender*, madanakollu tista' tinqala' inevitabbilment il-ħtieġa tagħhom waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet li hemm kontemplati fit-*Tender*, u li f'dan l-istadju jikkuntratta biss dawk ix-xogħlijiet li dwarhom il-Kunsill ma żamm ebda riżerva fit-*Tender*. B'dan għandu għalhekk jiġi avżat il-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. kemm-il darba l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni li għalissa ma jagħtix ix-xogħol ikkontemplat taħt *items* 1, 4, 5, 6 u 7.

Dwar *item* numru 8, teknikament din kienet tagħmel aktar sens li kieku din ġiet elenkata ma' dawk l-*items* l-oħra taħt il-*Lot* 1 billi hija relatata anżi intimament konnessa max-xogħlijiet taħt il-*Lot* 1. Madanakollu la darba din ħarġet taħt il-*Lot* 2, mhuwiex legalment possibbli li issa ma tingħatax lil min tefa' l-offerta fuqha li tiġi kunsidrata bħala l-aktar waħda vantaġġjuża purche' li min ser jidħol għal dan ix-xogħol deskritt f'*item* numru 8 ikun lest li jintrabat li jikkopera bi sħiħ mal-Kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħlijiet taħt il-*Lot* 1 u li ma jagħmel xejn f'ebda waqt u taħt ebda ċirkostanza li jżomm jew li jkun ta' xkiel għal dak il-Kuntrattur li għandu r-responsabbilita' li jeżegwixxi x-xogħlijiet taħt il-*Lot* 1 fit-termini tat-*Tender*. F'dan ir-rigward għalhekk ikunu jridu jiġu mfassla kundizzjonijiet biex jiġi assigurat li jkun hemm dan il-ko-ordinament bejn il-Kuntratturi ta' *Lot* 1 u *Lot* 2 u li ż-żewġ Kuntratturi jiddikjaraw li jkunu lesti li jaċċettawhom qabel max-xogħlijiet jiġu kuntrattati lilhom.

Il-Kunsill qabel unanimament li *Lot* 2 jingħata lill-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. għall-*Items* 2, 3 u 8 skont il-parir tal-Avukat Scerri.

**7.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

7.01 Is-Sur Ryan Debrincat ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dik it-tabella ta' *No Entry* li kienet imwaħħla ma' kanna fil-wied inqalet. Għaldaqstant qed jitlob sabiex terġa' ssir oħra.

7.02 Is-Sur Robert Mallia ilmenta dwar *leakage* ta' ilma li ħiereġ minn taħt l-istatwa tal-Madonna ta' Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina. Dan issa ilu ħiereġ aktar minn ħmistax-il ġurnata u barra l-ħela ta' ilma, qed jikkrea ħafna ħmieġ. Il-Water Services Corporation qed taħdem sabiex il-*main* jiġi *bypassed* b' *main* ieħor u jiġi evitat li titkisser il-bankina u tinqala' l-istatwa.

Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li waqa' parti mill-ħajt tas-sejjieħ ta' Ġnien Ragalna min-naħa ta' ġewwa. Dan ser jitranġa ma' ħitan oħrajn.

7.03 Is-Sinjura Carmen Said talbet lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb sabiex il-weraq ta' Dindja u qasab li ħerġin fit-triq tal-wied jinżabru. Talbet ukoll sabiex jitnaddaf il-ħaxix ta' taħt is-siġar taż-Żebbuġ ta' Ġnien Ragalna. Is-sinjal ta' nofs it-triq ta' Triq Ras il-Bajjada għandu bżonn li jerġa' jinżebah.

Is-Sinjura Carmen Said staqsiet jekk jistax isiru xi kaxxi għall-*parking* ta' karrijiet fit-toroq u ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li Triq il-Munxar spiċċat mingħajr *double yellow lines*. Fi Triq Ras il-Bajjada għandhom isiru *slow signs*.

7.04 Is-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex fi Triq Ras il-Bajjada fil-parti li hija dejqa ssir *give way sign* peress li t-traffiku li jinzerta fl-oppost m'humiex iċedu lil xulxin u qed jinblokkaw. Huwa talab ukoll sabiex bankina fi Triq il-Munxar titwal bi ftit pulzieri oħra. Huwa fakkar lill-Kunsill sabiex isegwi dik it-talba biex issir *Bus Stop* fi Triq Ras il-Bajjada.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Issemmiet il-problema tal-*buses* li qed jgħaddu mit-toroq bi *speed* eċċessiv. Is-Sindku kien ser ikellem lill-Arriva dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 12 t' Awwissu 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***